27 ta' April, 1953

Imħallfin :

Is-S.T.O. Dr. L.A. Camilleri, LL.D., *President;*

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.;

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt, LL.D.

Louis Borg *versus* Orlando Debono

**Appalt — Gudikat — Liberazzjoni "Ab Observantia" — Art. 1734 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Hu veru li l-ġudikat joħroġ mid-dispożitiv tas-sentenza, u huwa wkoll veru li, biex jiġi nterpretat tajjeb id-dispożitiv, jixraq li jiġi raffrontat mal-motivazzjoni, u li t-termini ġeneriċi tad-dispożitiv jistgħu jiġu ristretti mill-parti konsiderativa tas-sentenza; imma meta d-dispożitiv tas-sentenza jikkonsisti sempliċement f'liberazzjoni "ab observantia", huwa ġuridikament inkonċepibili li għal dak id-dispożitiv merament ritwali jiġu sostitwiti l-konsiderandi tas-sentenza bħala deċiżjoni fil-meritu. U għalhekk, meta s-sentenza tkun illiberat "ab observantia", ma jistax jingħad li kien hemm ġudikat vinkolanti bejn il-partijiet, u l-kwistjoni għandha tiġi kunsidrata "ex novo".*

*L-appaltant jista' jinħall mill-appalt meta jrid, bi dritt eċċezzjonali li*

*taghtih il-liġi, bla ebda bżonn li jiddwi ebda ġustifikazzjoni u bla ebda bżonn li jottjeni dikjarazzjoni ġudizzjarja; u dan anki jekk ix-xoghol ikun inbeda, u avvolja l-appaltatur ikollu nteress li jkompli l-opera intrapriża; salv l-indennizz li l-appaltant huwa tenut li jhallas lill-appaltatur fis-sens tal-liġi. Konsegwentement l-appaltatur ma ghandu ebda dritt jikkostrinġi l-appaltant jippermettilu jkompli l-opera.*

*B'applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji fil-każ preżenti, l-appaltatur kien harrek lill-appaltant ghall-hlas ta' somma minnu pretiża ghal xoghol li huwa kien ghamillu, u l-Qorti, wara li rraġunat li huwa ma kellux dritt jithallas ta' dak ix-xoghol qabel ma jsewwi xi difetti li kellu f'dak ix-xoghol, illiberat lill-appaltant mill-osservanza tal-ġudizzju. In segwitu ghal dik is-sentenza l-appaltant ma riedux ikompli x-xoghol, u l-appaltatur reġa' harrek lill-appaltant biex dan jippermettilu jkompli x-xoghol, inkella l-appaltant ihallsu dik is-somma. Il-Qorti rriteniet illi, in vista tal-preċedenti liberazzjoni "ab observantia", l-appaltatur ma kellu ebda dritt jinsisti li jkompli x-xoghol hu, u illi l-appaltant kien fid-dritt kollu li jinhall mill-ftehim; u konsegwentement ċahdet it-talba ta' l-appaltatur kontra l-appaltant biex dan ihallieh ikompli x-xoghol. U ċahdet ukoll it-talba alternativa ghall-hlas tas-somma tax-xoghol li kien ġà sar, bhala li kienet konsegwenzjali ghall-ewwel talba, bir-riżerva lill-appaltatur li jesperixxi d-drittijiet tieghu ghal dik is-somma f'azzjoni separata u "ad hoc".*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Taghha r-Reġina, li bih l-attur, wara li ppremetta illi huwa ghamel xoghlijiet ta' demolizzjoni u rikostruzzjoni u xoghlijiet ohra fid-dar numru 40, Vincent Bugeja Street, Hamrun, appartenenti lill-konvenut, u fil-fond adjaċenti numru 39 Vincent Bugeja Street; u illi dik il-Qorti, b'sentenza taghha moghtija fis-27 ta' Lulju 1951, fil-kawża flistess ismijiet, iddeċediet u ddikjarat illi huwa ma jistax jirreklama l-hlas mitlub ghax-xoghlijiet maghmula, fl-ammont ta' £221. 5. 8, qabel ma jirranġa u jnehhi d-difetti fix-xoghol, li ghandhom jitnehhew kif speċifikat fl-istess sentenza; u illi huwa diversi drabi nterpella lill-konvenut, anki b'ittra uffiċjali tas-17 ta' Ottubru 1951 (dok. A), biex jippermettilu jaghmel ix-xoghlijiet rikjesti biex inehhi d-difett fix-xoghol, imma l-konvenut irrifjuta li jhallieh jibda x-xoghol; talab illi, premessi

d-dikjarazzjonijiet kollha opportuni u l-provvedimenti li trid il-liġi, il-konvenut jiġi kundannat jippermettilu, fi żmien qasir u perentorju li l-Qorti jogħġobha tiffissa, illi jibda u jagħmel ix-xogħol rikjest, u ma jostakolahx fl-eżekuzzjoni u kompiment tiegħu; u fin-nuqqas illi l-konvenut jippermetti jagħmel ix-xogħlijiet rikjesti, fiż-żmien li jiġi lill-konvenut prefiss mill-Qorti, jiġi kundannat iħallsu s-somma ta' £221. 5. 8 dovuta lilu għax-xogħlijiet minnu magħmula fl-imsemmija fondi, kif jirriżulta mill-imsemmija kawża u mid-dokumenti hemm eżibiti, u dan mingħajr ma ssir ebda alterazzjoni fl-istess xogħlijiet. Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-17 ta' Ottubru 1951, kontra l-konvenut, li ġie ngħunt għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-24 ta' Novembru 1952, li biha dik il-Qorti ddeċidiet adeżivament għat-talbiet ġà msemmijin, fis-sens illi (1) ikkundannat lill-konvenut biex fi żmien xahar, prorogabili għal ġusta kawża, jippermetti lill-attur biex jibda u jkompli, mingħajr ebda ostakolu, ix-xogħlijiet meħtieġa halli jneħħi d-difetti kollha fuq imsemmijin, u hekk jeżegwixxi l-inkariku mogħti lilu mill-konvenut għax-xogħlijiet imsemmija fl-att taċ-ċitazzjoni, u dan taħt id-direzzjoni ta' l-Arkitett u Inġinier Ċivili James R. D. Cousin, li ġie għal dan l-iskop nominat, u li għandu jitħallas mill-attur; u (2) fil-każ illi l-konvenut ma jagħtix dan il-permess fiż-żmien hekk prefiss, jew anki prorogat, ikkundannat lill-konvenut iħallas lill-attur £221. 5. 8, prezz tax-xogħlijiet minnu ġà magħmula; u ordnat li l-ispejjeż iħallashom il-konvenut; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi fil-kawża fuq imsemmija l-attur kien talab illi l-konvenut jiġi kundannat iħallsu £221. 5. 8, jew somma oħra verjuri, għall-prezz tax-xogħlijiet minnu eżegwiti fil-fondi msemmijin fl-att taċ-ċitazzjoni fuq inkariku tal-konvenut. Irriżulta mill-provi f'dik il-kawża illi l-prezz tax-xogħlijiet li kellu jagħmel l-attur kien in parti miftiehem minn qabel ma sar ix-xogħol...... Però rriżulta wkoll illi fix-xogħlijiet li saru............. l-attur għamel bosta difetti serji............. u fid-deċiżjoni li fis-27 ta' Lulju 1951 il-Qorti tat fl-istess kawża, b'liema deċiżjoni l-konvenut ġie liberat mill-osservanza tal-ġudizzju, fuq il-konsiderazzjoni illi l-attur ma setax f'dik il-kawża jirreklama l-ħlas ta'

dawk ix-xogħlijiet minnu mitluba qabel ma jkun għamilhom sewwa, u għal dan l-iskop ġie wkoll kunsidrat illi l-konvenut kellu d-dritt illi jeżiġi li jitneħħew........... B'ittra uffiċjali tas-17 ta' Ottubru 1951, jiġifieri in segwitu għal dik id-deċiżjoni, l-attur interpella lill-konvenut biex jippermettilu illi jagħmel ix-xogħlijiet sewwa kif ġie msemmi f'dik id-deċiżjoni, ħalli jkun jista' jitħallas; imma l-konvenut ma taħx dak il-permess;

Mill-verbal tas-seduta tal-24 ta' Ġunju 1952 jirriżulta illi l-konvenut ma jikkontestax illi l-attur ried jirrimedja d-difetti li ġew riskontrati fil-kawża l-oħra u illi hu ma ħallieħx. Kien għalhekk li l-attur ġie bil-kawża tal-lum;

Illi mhux korrett il-konvenut meta eċċepixxa illi l-attur ma għamilx ix-xogħlijiet kollha miftiehma. Infatti x-xogħlijiet miftehma l-attur għamilhom kollha, biss għamilhom in parti b'ħafna difetti serji, jiġifieri........... Lanqas hu korrett il-konvenut meta eċċepixxa illi minħabba dawk id-difetti huwa ma jistax ikollu fiduċja fil-kapaċità ta' l-attur għall-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet oħra, u għalhekk ma għandux jippermettilu illi jirranġa dawk id-difetti. Il-konvenut għandu d-dritt, skond dik id-deċiżjoni, illi jeżiġi illi "l-attur jirranġalu dawk id-difetti, imma ma għandux id-dritt jippriva lill-attur illi jirreklama d-drittijiet tiegħu wara li jkun irranġa d-difetti fuq imsemmijin, u dan fuq il-pretensjoni ta' l-inkapaċità ta' l-attur; għaliex b'hekk huwa jkun qiegħed jarrikkixxi ruħu bi spejjeż ta' l-attur, jiġifieri bix-xogħol li dan ġà għamel, u li hu qiegħed jinqeda bih, u intant ma jħallas xejn tiegħu lill-attur. M'huwiex barra minn loku illi jiġi rilevat illi, skond id-deċiżjoni fuq imsemmija, "l-attur", u mhux ħadd ieħor, kellu jagħti rkabtu biex jirrendi x-xogħlijiet sewwa; u kif ġà ngħad, l-attur ta' rkabtu biex juniforma ruħu għal dik id-deċiżjoni. Fl-istess deċiżjoni ġie mogħti lill-konvenut id-dritt li jeżiġi mill-attur illi dana jirranġa d-difetti fix-xogħlijiet fuq imsemmija, billi għall-bżonn jagħmilhom mill-ġdid, u ġew riżervati lill-konvenut ir-rimedji kollha kontra l-attur jekk dan kellu jonqos milli jagħti rkabtu biex jirranġa u jirrendi sewwa dawk id-difetti. Imma l-konvenut ma ċċaqlaqx; mhux biss, imma lanqas ma ppermetta lill-attur jirranġa dawk id-difetti. Hawnhekk ma jistax ma jiġix rilevat ukoll illi dan l-atteġġjament tal-konvenut kien dovut forsi għaliex bix-xogħlijiet kif saru, skond kif irriżulta mill-

perizja adoperata f'dik il-kawża, il-konvenut qiegħed jinqeda bix-xogħlijiet difettużi magħmula mill-attur, billi d-difetti fl-istess xogħlijiet huma aktarx difetti li jistgħu jagħtu fil-għajn milli difetti li jirrekaw ħsara għas-sodizza fil-bini;

Illi m'hijiex sostenibili t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut......;

*Omissis;*

Rat fil-fol. 17 in-nota ta' l-appell tal-konvenut u fol. 18 il-petizzjoni tiegħu, li biha talab ir-revoka tas-sentenza appellata, billi jiġi deċiż li tiġi miċħuda l-ewwel talba, u in kwantu għat-tieni talba li l-konvenut jiġi kundannat iħallas biss lill-attur dik is-somma li tiġi likwidata minn dina l-Qorti għall-prezz tax-xogħol tajjeb li dan għamel, wara li tonqos l-ispiża rikjesta biex id-difetti li għamel l-attur jiġu msewwija, u miċħud minn kull somma li talab biċ-ċitazzjoni;

*Omissis;*

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Mill-provi rriżulta li l-attur kien ġie nkarikat mill-konvenut biex jagħmel xogħlijiet ta' demolizzjoni u rikostruzzjoni, u xogħlijiet oħra. Biċ-ċitazzjoni ta' qabel, fuq imsemmija, l-attur kien talab il-ħlas ta' dawn ix-xogħlijiet. Il-Qorti Ċivili, bis-sentenza tagħha tas-27 ta' Lulju 1951, illiberat lill-konvenut "ab observantia" in bażi għall-konsiderando hekk espress:— "Illi minħabba l-imsemmijin difetti, li l-konvenut għandu dritt jeżiġi li jitneħħew, u, biex jitneħħew, għall-bżonn, jeżiġi li x-xogħol isir mill-ġdid, l-attur ma jistax jirreklama l-ħlas ta' l-istess xogħlijiet qabel ma jkun għamilhom sewwa, salvi r-rimedji lill-konvenut jekk l-attur jonqos li jagħti rkabtu sabiex jirrendi x-xogħlijiet sewwa";

Iċ-ċitazzjoni odjerna hija bażata, kif jidher mit-termini tagħha, fuq l-assunt hekk espress:— "Illi dina l-Qorti, b'sentenza tagħha mogħtija fis-27 ta' Lulju 1951, fil-kawża fl-istess ismijiet, iddeċediet u ddikjarat li huwa ma jistax jirreklama l-ħlas mitlub għax-xogħlijiet magħmula, fl-ammont ta' £221. 5. 8, qabel ma jirranġa u jneħħi d-difetti fix-xogħol li għandhom jitneħħew.............";

Issa, apparti r-rifless li dik is-sentenza setgħet kienet xorta oħra, bi pronunċja fuq il-meritu minflok b'liberatorja, ma jis-

tax jingħad li l-assunt meħud bħala bażi ta' din iċ-ċitazzjoni hu korrett;

Hu paċifiku li l-ġudikat joħroġ mid-dispożitiv tas-sentenza. Hu veru li, kif għallmet din il-Qorti fis-sentenza "Farrugia Guy vs. Farrugia", 12 ta' Novembru 1919 (Vol. XXIV-I-157), biex jiġi nterpretat tajjeb id-dispożitiv jixraq li jiġi raffrontat mal-motivazzjoni, li hi wkoll parti mid-deċiżjoni, għad li minnha ma joħroġx ġudikat; kif hu wkoll veru li t-termini ġeneriċi tad-dispożitiv jistgħu jiġu ristretti mill-parti konsiderativa tas-sentenza. Iżda fil-każ preżenti, avvolja kien hemm il-konsiderando fuq riportat, ma jistax jingħad li l-Qorti kienet iddeċediet kif qiegħed jgħid li ddeċediet l-attur fil-premessa ta' din iċ-ċitazzjoni; għaliex id-dispożitiv kien sempliċi liberatorja "ab observantia", u hu għalhekk inkonċepibili ġuridikament li għal dak id-dispożitiv merament ritwali jiġi sostitwit il-konsiderando fuq riportat bħala deċiżjoni f'loku fil-meritu. Għaldaqstant din il-Qorti ma tistax tirritjeni li kien hemm ġudikat vinkolanti bejn il-partijiet fis-sens li jimporta obligu tal-konvenut li jħalli lill-attur isewwi d-difetti tax-xogħol; u l-kwistjoni għalhekk għandha tiġi kunsidrata "ex novo";

Il-konvenut isostni li hu għandu dritt jinħall mill-appalt minnu mogħti lill-attur;

L-art. 1734 Kap. 23 jgħid hekk :— "Min jagħti x-xogħol jista' jħoll, meta jrid, il-kuntratt ta' appalt, għalkemm ix-xogħol ikun ġa beda, billi jħallas lill-appaltatur l-ispejjeż kollha u x-xogħol kollu tiegħu, flimkien ma' somma li tiġi meqjusa mill-Qorti skond iċ-ċirkustanzi; iżda mhux iżjed mill-qliegħ li l-appaltatur seta' jagħmel hekk b'dak l-appalt";

Dan l-artikolu tal-Kodiċi Malti hu simili għall-art. 1641 tal-Kodiċi Ċivili Taljan, u għall-art. 1794 tal-Kodiċi Ċivili Franċiż; u l-kliem "può sciogliere a suo arbitrio" jirrikorru fit-tliet kodiċijiet (ara test antik taljan — art. 1400 Ordinanza VII ta' l-1868). Hu riċevut paċifikament fid-dottrina u l-ġurisprudenza li dan l-artikolu jagħti lill-kommittent il-jedd eċċezzjonali li jirreċedi liberament mill-kuntratt, "ad nutum", ("a suo talento" kif jgħidu l-Marcadè u Pont, Comm. Cod. Napoli, Vol. 8, paġ. 611), bla ebda bżonn li jadduċi ebda ġustifikazzjoni, u bla ebda bżonn li jottjeni dikjarazzjoni ġudizzjarja, ankorkè l-appaltatur ikollu l-interess li jkompli l-opera,

salv l-indennizz, regolabili skond iċ-ċirkustanzi tal-każ fis-sens ta' l-art. 1734 fuq imsemmi (ara Cattaneo e Borda, Cod. Civ. Italiano Annotato, comm. art. 1641; Marcadè u Pont, loc. cit.; u Fadda, Giurisprudenza sul Codice Civile, art. 1641, numri 10, 11, 13, 14, 16, 33). F'dan il-każ il-konvenut qiegħed jirreċedi minħabba d-difetti fix-xogħol — ċirkustanza li tista' tinfluwixxi minn aspett ieħor;

Għalhekk, jekk il-konvenut għandu l-jedd indiskutibili li jirreċedi mill-appalt, l-ewwel talba għall-kompulsjoni tiegħu li jħalli l-attur ikompli fl-appalt billi jirrimedja għad-difetti, ma hijiex ammissibili;

In kwantu għat-tieni talba, il-konvenut appellant talab ukoll ir-revoka tagħha fis-sens li hu għandu jiġi kundannat jħallas lill-attur mhux is-somma mitluba ta' £221. 5. 8, kif deċiż mill-Ewwel Qorti, imma biss dik is-somma li tiġi likwidata għall-prezz tax-xogħol tajjeb li għamel, wara li tonqos l-ispiża biex jissewwew id-difetti;

Id-deċiżjoni fuq dik it-talba, però, għandha tiġi revokata għal raġuni oħra; infatti, fiċ-ċitazzjoni, dik it-tieni talba hija konsegwenzjali għall-akkoljiment ta' l-ewwel talba, u dipendenti minn nuqqas eventwali tal-konvenut li jikkonforma ruħu ma' deċiżjoni favorevoli għall-attur fuq l-ewwel talba. Di più, l-istess deċiżjoni appellata akkoljiet it-tieni talba appuntu bħala konsegwenzjali għall-ewwel waħda, u fl-ipotesi tan-nuqqas eventwali tal-konvenut li jeżegwixxi dak li ġie lilu ordnat bid-deċiżjoni fuq l-ewwel talba. Il-Qorti akkordat lill-attur, bil-kontinġenzi tat-tieni talba, l-ammont kollu, non ostante d-difetti fix-xogħolijiet, għaliex kien ikun tort tal-konvenut jekk id-difetti ma jiġux rimedjati mill-attur minħabba li l-konvenut stess ikun naqas li jikkonforma ruħu mad-deċiżjoni fuq l-ewwel talba, u ma jkunx ta lill-attur l-opportunità li jsewwi dawk id-difetti;

Issa, però, li din il-Qorti sejra tirrespinġi l-ewwel talba, u sejra tirrikonoxxi favur il-konvenut id-dritt tiegħu li ma jħallix lill-attur jirrimedja d-difetti, il-bażi kollha tat-tieni talba, kif proposta fiċ-ċitazzjoni, u kif akkolta fid-deċiżjoni appellata, tisparixxi. Jekk xejn ma hu qiegħed jiġi ordnat lill-konvenut fuq l-ewwel talba, ma jistax ikun hemm dak in-nuqqas tiegħu, li hu bażi tat-tieni talba. Il-meritu ta' dik it-

tieni talba għandu jifforma l-oġġett ta' ġudizzju separat "ad hoc", in bażi għall-art. 1734 Kap. 23 fuq imsemmi, jekk il-kontendenti ma jifthemux;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, u tirrespinġi t-talbiet ta' l-attur, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu. Salva favur l-attur kull azzjoni tiegħu in bażi għall-art. 1734 Kap. 23, u salva kull eċċezzjoni tal-konvenut f'dik l-azzjoni.